II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2011/C 341/01)

Skont l-Artikolu 9(1)(a), it-tieni inċiż, tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], in-Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Maqgħuda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emedati kif ġej:

Paġna 348

Bejn "**8529 90 65 Immuntar elettroniku**" **u** "**8531 Apparat tas-sinjalar tal-elettriku ta' ħoss jew viżwali (per eżempju, qniepen, sireni, pannelli indikaturi, allarmi tas-serq jew tan-nar), ħlief dawk ta' titlu 8512 jew 8530**" jiddaħħal it-test li ġej:

"**8529 90 92 Għal Kameras tat-televiżjoni tas-subtitlu 8525 80 11 u 8525 80 19 u tagħmir tat-titli 8527 u 8528**

Dan is-subtitlu jinkludi hekk imsejħa 'moduli LCD' li jikkonsistu minn saff magħmul minn pellikola rqiqa (thin film transistor-TFT) ta' kristalli likwidi bejn żewġ folji jew pjanċi tal-ħġieġ jew plastik, mhux ikkumbinat ma' faċilitajiet ta' skrin bil-funzjoni tal-mess (touch screen), użati fil-manifattura ta' monitors u jew tagħmir ta' reċezzjoni għat-televiżjoni tat-titolu 8528.

Il-moduli huma mgħammra b'unità waħda jew aktar ta' ċirkwiti stampati, b'elementi elettroniċi ta' kontroll użati biss għall-indirizzar tal-pixels. Mhumiex mgħammra b'unitajiet elettroniċi (bħal konvertituri tal-vidjow jew scaler) għall-ipproċessar tal-vidjow.

Il-moduli jistgħu jkunu magħmmra b'unità tad-dawl minn wara l-iskrin (backlight) u/jew inverters.

Dan is-subtitlu ma jinkludix apparat tal-kristalli likwidi li jikkonsistu minn saff ta' kristalli likwidi bejn żewġ folji jew pjanċi tal-ħġieġ jew plastik, kemm jekk mgħammar b'konnessjonijiet elettriċi (għall-provvista tal-elettriku), ppreżentati bil-biċċa jew maqtugħin f'disinni speċjali (subtitlu 9013 80 20)".

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.